# QORTI ĊIVILI
# (SEZZJONI FAMILJA)

## ONOR.IMHALLEF
## JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)

## Illum 13 ta' Jannar 2025

**Rik. Gur.Nru.: 291 /2024 JPG**

**Kawza nru.: 16**

**MP**

**Vs**

**JP**

## Il-Qorti:

Rat ir-rikors ta' MP datat 6 ta' Gunju 2024, a fol 1, li jaqra hekk:

1. *Illi l-partijiet iżżewġu nhar l-erbgha u ghoxrin t'Awwissu tas-sena elf, disa' mija u sitta u tmenin [24.08.1986] skond ma jirrizulta mill-annessa kopja tac-certifikat taz-zwieg taghhom, anness u mmarkat bhala* ***Dok.MP1****.*

2. *Illi minn dan iz-zwieg taghhom huma kellhom zewg ulied ossia GG u J li t-tnejn li huma maggorenni u li ghandhom aktar minn tlieta u ghoxrin (23) sena kull wiehed****.***

3. *Illi l-partijiet ilhom legalment separati minn xulxin sa mit-tnax ta' April tas-sena elfejn u sitta [12.04.2006] u dana permezz tal-kuntratt fl-atti tan-Nutar Pubbliku Dottor Patricia Hall LL.D, kopja awtentikata ta' liema kuntratt qieghda tigi hawn annessa u mmarkata* ***Dok. MP2.***

4. *Illi ma hemm l- ebda prospett ragjonevoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-partijiet, stante li, minbarra l-fatt illi l-partijiet ilhom legalment separati sa mill-elfejn u sitta (2006) huma ormai ghandhom hajja totalment separati minn ma xulxin.*

5. *Illi ma hemm l-ebda manteniment dovut versu l-partijiet, stante rinunzja reciproka li tirrizulta mill-anness kuntratt fi klawsola numru sitta (6) tal- istess, u lanqas ma hemm arretrati dovuti in linea ta' manteniment ghat-trobbija tal-minuri, precedentement pagabbli mill-konvenut lir-rikorrenti ghall-ulied.*

6. *Illi l-esponenti qieghda in oltre tesebixxi l-affidavit taghha stess anness u mmarkat bhala* **Dok.MP3** *permezz ta' liema affidavit hija tikkonferma l-fatti hawn esposti.*

*Ghaldaqstant, l-esponenti titlob reverentement illli din l-Onorabbli Qorti joghgobha:*

1. *Tippronunzja l-hall taż-żwieġ bejn il-partijiet;*
2. *Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiz- zmien imholli ghall-daqshekk mill-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet sabiex dana jigi registrat fir-Registru Pubbliku.*

Rat illi r-rikors promotur, l-atti esebiti u d-digriet ta' din il-Qorti gew notifikati skond il-ligi;

Rat illi l-intimat deher nhar it-30 ta' Settembru 2024 mhux assistit u l-Qorti spjegatlu d-drittjiet legali tieghu izda hu rrisponda illi kemm-il darba dak provdut fil-kuntratt ta' separazzjoni tal-partijiet jibqa vigenti, huwa m' ghandux oggezzjoni ghad-divorjzu; (vide fol 15)

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Rat l-Artikoli 66A, 66B u 66C tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

**Ikkonsidrat:**

**L-attrici xehdet (vide affidavit fol 9)** u illi l-partijiet izzewgu nhar l-24 ta' Awwissu 1986. Minn dan iz-zwieg twieldu zewgt itfal, illum maggorenni. Xehdet illi huma sseparaw legalment permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni konsenswali nhar it-12 ta' April 2006 fl-atti tan-Nutar Dr Patricia Hall. Di piu', ikkonfermat illi ma hemm ebda prospett ragjonevoli ghal rikonciljazzjoni kif ukoll ma hemmx pendenzi ta' manteniment.

**L-intimat xehed** viva voce nhar it-30 ta' Settembru 2024 (**vide fol 16**) u kkonferma u korrobora ix-xhieda ta' martu.

**Ikkonsidrat:**

Rat l-Artikoli 66A u 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta fejn inghad:

> ***66A. (1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza.***
>
> ***(… omissis)***
>
> ***66B. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:***
>
> ***(a) fil-każ li t-talba tkun qed issir miż-żewġ konjuġi flimkien, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sitt xhur mis-sena preċedenti:***

*Iżda fejn it-talba tkun qed issir minn konjuġi minnhom kontra l-ieħor, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sena mis-sentejn preċedenti; jew*

*(b) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu separati b'kuntratt jew b'sentenza tal-qorti; u*

*(ċ) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u*

*(d) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ- ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57:*

*Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment:*

*Iżda wkoll għall-fini ta' dan il-paragrafu, l-manteniment ordnat mill-qorti b'sentenza ta' separazzjoni jew miftiehem bejn il-miżżewġin f'kuntratt ta' separazzjoni għandu jiġi meqjus bħala manteniment adegwat:*

*Iżda wkoll id-divorzju ppronunzjat bejn persuni miżżewġin li kienu separati b'kuntratt jew b'sentenza ma jġib ebda bidla f'dak ordnat jew miftiehem bejniethom, ħlief għall-effetti tad-divorzju li joħorġu mil-liġi.*

**Ikkonsidrat:**

Jirrizulta sodisfacentement ppruvat illi l-partijiet kienu zzewgu nhar il-24 ta' Awissu 1986 liema zwieg jgib certifikat numru 1469/1986 (Vide certifikat taz-zwieg, fol 3). Minn dan iz-zwieg twieldu zewgt itfal illum maggiorenni.

Jinsab stabbilit ukoll illi l-partijiet isseparaw legalment permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni konsenswali, ppubblikat fl-atti tan-Nutar Dottor Patricia Hall nhar it-12 ta' April 2006 (Vide fol 4 et seqq.) Ghalhekk jirrizulta illi l-kontendenti ilhom separati ghal terminu ta' zmien li jeccedi dak rikjest mill-ligi.

Il-partijiet affermaw illi ma hemmx pendenzi ta' manteniment.

Il-Qorti tqis inoltre li ma hemm ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet, liema zwieg jgib certifikat numru 1469/1986 u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien moghti mil-Ligi, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.**

**Il-Qorti tordna illi l-ispejjes jibqghu bla taxxa bejn il-partijeit.**

**Moqrija.**

**Mhallef  Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**